

L-istaġun tal-vaganzi: suġġerimenti utli għal meta tkun imsiefer

Emerġenzi

Lil min għandi nċempel fil-każ ta' emerġenza?

Jekk ikollok bżonn ambulanza, is-servizzi tat-tifi tan-nar jew il-pulizija, għandek iċċempel in-numru [112](#), mingħajr ħlas, tkun fejn tkun fl-UE.

In-numru tal-emerġenza biex tirraporta tfal mitlufin huwa [116 000](#).

Se nivvjaġġa barra mill-Ewropa iżda pajjiżi m'għandux ambaxxata jew konsulat fid-destinazzjoni tiegħi. Lil min għandi nikkuntattja jekk ikolli bżonn l-għajjuna?

Kull sena, kważi 7 miljun ċittadin tal-UE jgħixu jew jivvjaġġaw barra mill-UE f'postijiet fejn il-pajjiż tal-UE tagħhom ma jkollux rappreżentanza.

Bħala ċittadin ta' Stat Membru tal-UE, inti awtomatikament ċittadin tal-UE u, għalhekk, inti intitolat għall-għajjuna konsulari jekk tkun barra mill-UE (anki jekk pajjiżek ma jkollux rappreżentanza). Tista' tmur fi kwalunkwe konsulat jew ambaxxata ta' Stat Membru ieħor tal-UE biex titlob l-għajjuna, jekk pereżempju tisfa arrestat, jekk ikollok xi aċċident serju jew jekk tiflef xi dokumenti importanti.

Inti wkoll intitolat titlob l-għajjuna f'sitwazzjonijiet ta' kriżi: L-Istati Membri tal-UE għandhom jgħinu liċ-ċittadini jevakwaw meta jkun hemm bżonn, daqslikieku kienu ċittadini tagħhom stess.

Tista' tara jekk pajjiżek għandux rappreżentanza fid-destinazzjoni tiegħek fuq il-websajt tal-protezzjoni konsulari tal-Kummissjoni Ewropea. Fil-futur, bis-saħħa [tar-regoli l-ġodda](#) li kien hemm qbil dwarhom f'April ta' din is-sena u li l-Istati Membri jridu jimplimentaw sal-2018, iċ-ċittadini se jkollhom saħansitra protezzjoni aħjar meta pajjiżhom ma jkunx rappreżentat barra l-UE (ara [l-iskeda informattiva](#)).


X'jiġri jekk inkun imsiefer u jkolli bżonn nara tabib?

Jekk timrad jew tkorri waqt li tkun qed tivvjaġġa f'pajjiż tal-UE, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja jew fl-Iżvizzera, inti għandek dritt għall-[kura medika](#) li tkun meħtieġa waqt is-safra temporanja tiegħek. F'dan il-każ, jeħtieġ li tiegħu miegħek il-[Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea \(EHIC\)](#). It-trattament li tirċievi mis-sistema pubblika tas-saħħa jingħata bl-istess kundizzjonijiet u spejjeż bħall-persuni assicurati fil-pajjiż li tkun qed iżżur. Għaldaqstant, tinsieħ titlob lill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa nazzjonali tiegħek biex tinħariġlek din il-karta, mingħajr ħlas.

Sabiex dejjem ikollok in-numri tat-telefown tal-emerġenza miegħek u għal aktar taġhrif dwar it-trattamenti koperti kif ukoll il-prezzijiet tagħhom, il-proċedura biex titlob rimborż u d-dettalji ta' lil min għandek tikkuntattja f'każ li tiflef il-karta tiegħek, niżżeż [l-applikazzjoni](#) speċjali tal-ismartphones.

L-applikazzjoni hija disponibbli f'25 lingwa. L-applikazzjoni ma tiegħux post l-EHIC.

Jekk inti pazjent li tbat minn mard kroniku u teħtieġ iġġorr miegħek xi mediċini meta tkun qed tivvjaġġa, staqsi lit-tabib tiegħek għal riċetta transfruntiera qabel ma titlaq.



Il-ħarsien tal-konsumaturi u s-sikurezza tal-ikel

Ibbukkjajt vjaġġ kollox inkluż iżda l-operatur tal-vjaġġi tiegħi falla. Nista' nieħu flusi lura?

Id-[Direttiva dwar il-Vjaġġi Kollox Inkluż](#) tiproteġi lill-konsumaturi Ewropej li jibbukkjaw il-vaganzi kollox inkluż u tkopri l-vaganzi kollox inkluż irranġati minn qabel li jikkombinaw żewġ elementi jew iktar — bħat-trasport, l-akkomodazzjoni, jew il-kiri ta' karozza.

Lill-konsumaturi tal-UE, ir-regoli jagħtuhom drittijiet essenzjali għal meta jibbukkjaw vaganza kollox inkluż. Dawn jinkludu d-dritt għall-informazzjoni sħiħa qabel tibbukkja; id-dritt li tittrasferixxi r-riżervazzjoni tiegħek lil persuna oħra jekk ma tkunx tista tmur inti stess; jew id-dritt għal rimborż u ripatrijazzjoni jekk l-organizzatur ifalli.

Fil-futur, din il-protezzjoni se tiġi estiża lill-120 miljun turista li jibbukkjaw forom oħra ta' vjaġġi kkombinati, pereżempju kombinazzjoni magħżula minn websajt mill-individwu stess ta' titjira flimkien mal-lukanda jew il-kiri ta' karozza. [Ir-regoli proposti](#) ġew appoġġjati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill (ara [l-iskeda informattiva](#)) u mistennija jiġu adottati fil-ħarifa li ġejja.

X'għandi nżomm f'moħħi jekk inħallas il-vaganza tiegħi bil-kreditu?

Id-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur tal-UE tagħtik [drittijiet konkreti](#) meta tixtri xi ħaġa bil-kreditu. L-aktar ħamsa importanti huma:

Ir-reklami tal-kreditu tal-konsumatur li tara għandhom ikunu trasparenti u faċli biex jinftiehm

Qabel ma tiffirma kuntratt, għandek tingħata biżżejjed informazzjoni biex tkun tista' tqabbel l-offerti differenti

Ladarba tiffirma l-ftehim tiegħek, għandek tikseb kopja tiegħu

Jekk tibdel fehmtek, għandek 14-il jum biex tirtira mill-kuntratt

Għandek tkun tista' tħallas lura l-kreditu tiegħek qabel iż-żmien previst għal kumpens ġust.

Il-Kummissjoni Ewropea ilha taħdem mal-Istati Membri biex titqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi tad-drittijiet tagħhom. S'issa l-kampanja tnediet [fir-Repubblika Ċeka](#) u fl-Awstrija.

X'nista' nagħmel jekk il-vjaġġ tiegħi bl-ajruplan, bil-ferrovija, bil-karozza tal-linja jew bid-dgħajsa jittardja jew jiġi kkanċellat?

Bit-tmexxija tal-Kummissjoni Ewropea, l-UE saret l-ewwel żona fid-dinja fejn il-passiġġieri għandhom id-drittijiet garantiti f'kull għamla tat-trasport.

Bis-saħħa [tar-regoli tal-UE](#), jekk il-vjaġġ tiegħek jittardja, il-kumpanija tat-trasport li tkun qed tivvjaġġa magħha għandha tagħtik l-informazzjoni u l-għajnuna xierqa. F'ċerti ċirkostanzi tista' wkoll tkun intitolat għall-kumpens. Jekk il-vjaġġ jiġi kkanċellat u jkollok toqgħod fl-lukanda li ma tkunx fid-destinazzjoni aħħarija tiegħek, il-kumpanija tat-trasport għandha tħallas għaliha. Qabel ma tivvjaġġa, ara x'għandek tagħmel biex tieħu drittijietek u niżżeż l-applikazzjoni għall-ismartphones "Your Passenger Rights" (disponibbli għal [Google Android](#), [iPhone](#), [iPad](#) u [Windows Phone](#)).

Xi drittijiet speċifiċi għandi bħala vjaġġatur b'diżabilità?

Ir-regoli tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri [jiproteġu](#) lill-persuni bid-diżabilitajiet u lill-persuni bil-mobilità mnaqqsa mid-diskriminazzjoni huma u jivvjaġġaw fl-UE u jagħtuhom l-istess drittijiet ta' użu tat-trasport bħaċ-ċittadini l-oħra.

Qed insuq il-karozza tiegħi jew karozza tal-kiri fi Stat Membru tal-UE ieħor; għandi bżonn liċenzja tas-sewqan internazzjonali? Ir-regoli tat-traffiku huma l-istess bħal dawk f'pajjiżi?

Liċenzja tas-sewqan maħruġa f'pajjiż tal-UE tista' tintuża fl-UE kollha. Qabel titlaq, ara li ma skaditlekx għaliex ma tistax issuq lejn pajjiż ieħor b'liċenzja provviżorja jew b'ċertifikat biss. Ir-regoli tat-traffiku jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, partikolarment fejn jidhru l-limiti tal-veloċità. Tista' tniżżel bla ħlas il-European Road Safety App li fiha r-regoli tat-traffiku importanti kollha tat-28 Stat Membru tal-UE u wkoll tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein, tan-Norveġja u tal-Iżvizzera (disponibbli għal [Google Android](#), [iPhone](#), u [Windows Phone](#)).

Għandi xi kwistjonijiet ma' kumpanija tal-kiri tal-karozzi barra minn pajjiżi. Lil min nista' nikkuntattja biex jgħini nikseb rimedju?

Jekk tkun fl-UE, fin-Norveġja jew fl-Iżlanda, tista' tingħata għajnuna b'xejn mingħand [iċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur](#) (ECC) fil-pajjiż stess. Iċ-Ċentru jagħtik pariri dwar id-drittijiet tiegħek bħala konsumatur u dwar l-argumenti li għandhom jiġu ppreżentati lill-kumpanija. Jekk ma jkunx possibbli li l-problemi jissolvew fuq il-post, żomm l-evidenza kollha neċessarja u kkuntattja l-ECC ta' pajjiżek meta tmur lura d-dar. Meta tkun imsiefer, l-[ECC-travel app](#) tista' tgħinek ukoll biex tispjega l-kwistjoni u d-drittijiet tiegħek lill-kummerċjant bil-lingwa tiegħu.

Din l-app tindirizza l-aktar problemi frekwenti tal-konsumatur waqt l-ivvjaġġar, bħad-dewmien tat-titjira jew ir-reservazzjonijiet ikkanċellati tal-akkomodazzjoni.

Il-kontijiet għaljin tat-telefon qed jikluli mill-baġit tal-btala. Kif nista' nnaqqashom waqt li nkun qed nivvjaġġa?

L-UE tgħinek tiffiranka l-flus meta tivvjaġġa u tuża s-servizzi mobbli — fi kliem ieħor, meta tuża r-"roaming". F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni Ewropea ħadmet biex ikun hemm limiti iktar baxxi tar-roaming (il-prezzijiet massimi li klijent ta' operatur tal-UE jħallas għar-roaming fl-UE). Minn April 2016, ir-roaming se jsir saħansitra irħas u, minn Ġunju 2017, l-iċċarġjar tar-roaming ikun ħaġa tal-imġħoddi (ara [l-istqarrija għall-istampa - Q&A](#)). Fit-tabella t'hawn taħt, tista' ssib it-tnaqqis fil-limiti tar-roaming f'dawn l-aħħar sentejn. Ftakar, dawn huma l-prezzijiet massimi: l-operatur tiegħek jista' jiċċarġja inqas! Dejjem iktar operatori fl-Ewropa qed joffru estensjoni tal-kuntratt domestiku tiegħek b'rata miżjuda kuljum, kull ġimgħa jew kull xahar. Dawn l-offerti huma iktar komuni fil-vaganzi tas-sajf, għalhekk, iċċekkja mal-operatur tiegħek biex tara x-offerti għandu. Jekk qed tivvjaġġa fl-UE dan is-sajf, serraħ moħħok: tista' tgawdi l-vaganzi tiegħek u tibqa' f'kuntatt mal-familja u mal-ħbieb id-dar mingħajr ma taħli flusek kollha fuq il-kontijiet tat-telefown.

Tip ta' attività mobbli fl-UE	Il-limiti tal-prezzijiet fl-2013 (minbarra l-VAT)	Il-limiti tal-prezzijiet fl-2015 (minbarra l-VAT)
Meta tagħmel telefonata	24 ċenteżmu kull minuta	19-il ċenteżmu kull minuta
Meta tirċievi telefonata	7 ċenteżmi kull minuta	5 ċenteżmi kull minuta
Meta tibgħat messaġġ	8 ċenteżmi	6 ċenteżmi
Tniżżil ta' dejta/ftittix permezz tal-internet	45 ċenteżmu kull MB	20 ċenteżmu kull MB

Waqt il-vaganza tiegħi, xtrajt par żarbnu ġdid iżda dan tqatta' wara ġimgħa. Kif nista' nieħu flusi lura? X'inhuma r-regoli?

Tixtri minn fejn tixtri ġewwa l-UE, int għandek [id-drittijiet bażiċi tal-konsumaturi](#). Mill-2014 'l hawn, bis-saħħa ta' [regoli ġodda tal-UE](#), il-konsumaturi issa għandhom 14-il jum żmien biex jirritornaw il-prodotti mixtrija mill-bogħod jekk ikunu jixtiequ, kemm jekk ikunu xtrawhom mill-internet, bil-posta jew bit-telefown.

Il-konsumaturi fl-UE jgawdu minn [sentejn garanzija](#) - il-bejjiegħ irid isewwilek jew jibdillek l-oġġetti difettużi mingħajr ħlas. Jekk dan ma jkunx possibbli fi żmien raġonevoli jew mingħajr inkonvenjenzi, tista' titlob rimborż jew tnaqqis fil-prezz.

Bis-saħħa [tal-proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar](#), inti wkoll tista' titlob flusek lura fi [tliet passi sempliċi](#), jekk tkun xtrajt prodott difettuż meta kont imsiefer. F'ħafna każijiet u fil-pajjiżi tal-UE kollha — bl-eċċezzjoni tad-Danimarka — tista' tagħmel użu minn [dan il-](#)

[proċess](#). Din hija alternattiva mgħaġġla u kosteffettiva għall-proċeduri tradizzjonali tal-qrati, u bħalissa tista' tintuża għat-tranżazzjonijiet kummerċjali, fosthom it-tranżazzjonijiet tal-konsumatur li jinvolvu sa EUR 2,000. Kull ma trid tagħmel huwa li tippreżenta [formola](#) standard lill-qorti kompetenti.

Qed nippjana vaganza mal-kosta. Kif nista' nkun naf li l-ilma għall-għawm se jkun nadif u bla periklu?

Kull sena, qabel is-sajf, l-UE tirrilaxxa valutazzjoni tal-kwalità tal-ilma għall-għawm fl-Ewropa. Jiġu kkontrollati aktar minn 21 000 sit tal-ilma għall-għawm fit-28 Stat Membru tal-UE, l-Albanija u l-Iżvizzera. Fl-2014, l-ilmijiet għall-għawm fl-Ewropa kienu ta' kwalità tajba, b'95 % tas-siti tal-ilma għall-għawm li laħqu l-istandards minimi tal-kwalità tal-ilma stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-UE. Il-biċċa l-kbira tal-ilma urban mormi issa qed jirċievi trattament xieraq, inqas nitrati qed jispiċċaw fl-ibħra tagħna u x-xmajjar tagħna huma aktar nodfa minn qatt qabel. Għalhekk, jekk int se terħilha lejn il-bajja das-sajf, agħti daqqa t'għajn [lir-rapport](#), u tista' sserraħ moħħok.

Kif nista' nagħżel frott tal-baħar maqbud b'mod sostenibbli?

Anki meta tkun 'il bogħod mill-bejjiegħ tal-ħut lokali tiegħek, ma għandekx għalfejn tiekol frott tal-baħar li ma ġiex maqbud b'mod sostenibbli. Jekk tkun f'ristorant, toqgħodx lura milli tistaqsi lill-wejter tiegħek jew lix-chef minn fejn inqabad il-ħut, kif ġie prodott u jekk inqabadx b'mod sostenibbli. Kun żgur li l-ħut fuq il-platt tiegħek ikollu d-daqs minimu legali. Għażla sostenibbli tippermetti lill-ħut jikber u jirriproduċi, u b'hekk l-istokkijiet ikunu mħarsa għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Din is-sena tista' tipprova wkoll speċijiet anqas magħrufin, bħal-laċċ ikħal, jew il-ħut imrobbi, bħat-troti, li għandhom toġhma daqstant ieħor tajba u jistgħu jgħinu biex titnaqqas il-pressure fuq l-istokkijiet tal-ħut l-aktar popolari. L-għażla tiegħek tgħodd. Fl-aħħar nett, agħti ħarsa lejn [il-websajt "Inseparabli" tal-Kummissjoni Ewropea](#) għal aktar informazzjoni dwar il-ħut sostenibbli fid-destinazzjoni tal-vaganza tiegħek.

Għadni kif spiċċajt l-iskola u ma naf x'se nagħmel bija nnifsi issa. Kif nista' nikseb għajna?

Imħasseb dwar il-passi li jmiss wara li lestejt l-edukazzjoni? Iż-żmien tas-sajf jista' jkun okkażjoni tajba biex wieħed jirrifletti dwar x'se jagħmel. Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tista' tgħinek issib xogħol: l-Istati Membri kollha tal-UE impenjaw ruħhom li jiżguraw li **ż-żgħażaġh** jirċievu offerta ta' kwalità għal **impjeg, apprendistat, taħriġ jew kontinwazzjoni tal-edukazzjoni** fi żmien erba' xhur mit-tluq mill-iskola jew minn meta jiġu qiegħda. Biex issir taf aktar dwar il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ f'pajjiżek, u fejn tista' tirreġistra biex ikollok aċċess għall-offerti, zur din [il-paġna](#).

Jekk int awtorità pubblika inkarigata mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, tista' tuża l-kaxxa tal-għodda għall-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni (fost l-oħrajn, l-elementi viżivi u l-applikazzjonijiet tal-midja soċjali) li ġiet żviluppata mill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi liż-żgħażaġh jirreġistraw. Din il-kaxxa tal-għodda qiegħda għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE u tista' titniżżel minn din [il-ħolqa](#) (it-taqsimha tal-"librerija").

Ir-regoli tad-dwana u tat-taxxa

Fl-Unjoni Ewropea, ma tħallasx dwana meta tivvjaġġa minn pajjiż għall-ieħor. It-taxxi (il-VAT u d-dazji tas-sisa) huma inklużi fil-prezzijiet li tħallas u ma jkollok tħallas iktar taxxi f'ebda pajjiż ieħor tal-UE, ħlief għall-eċċezzjonijiet ta' hawn taħt.

Jekk tkun mort lura f'pajjiżek minn pajjiż li mhuwiex fl-UE, ir-regoli huma differenti u ġeneralment ikunu aktar stretti.

Alkoħol

Ma hemm l-ebda limitu fuq dak li tista' tixtri u ġġorr miegħek meta tivvjaġġa bejn il-pajjiżi tal-UE, sakemm ikun għall-użu personali u mhux biex jerġa' jinbiegħ. Kull pajjiż jistabbilixxi l-livelli ta' gwida tiegħu biex jiddetermina jekk l-alkoħol u l-prodotti tat-tabakk ikunux għall-użu personali. Jekk tkun qed iġġorr kwantità akbar ta' dawn il-prodotti, jista' jkun li jsirulek xi mistoqsijiet biex ikun aċċertat li ma għandek ebda intenzjoni kummerċjali. Il-livelli ta' gwida ma jistgħux ikunu inqas minn dawn li ġejjin, allura inti tista' ġġorr:

- 10 litri ta' spirti
- 20 litru ta' nbid imsaħħaħ (bħal port jew sherry)
- 90 litru ta' nbid (li ma jkunux jinkludu aktar minn 60 litru ta' spumant)
- 110 litri ta' birra.

Jekk terġa' tidħol fl-UE minn pajjiż li mhuwiex fl-UE, tista' ddaħħal miegħek prodotti mingħajr VAT u dazji tas-sisa għall-użu personali b'limiti stretti. L-istess jgħodd jekk tkun ġej mill-Gżejjer Kanarji, iċ-Channel Islands, Ġibiltà jew territorji oħrajn fejn ir-regoli tal-UE dwar il-VAT u s-sisa ma jgħoddux. Għall-alkoħol, dawn il-limiti huma:

- Litru wieħed ta' spirti ta' grad ogħla minn 22 % jew żewġ litri ta' nbid imsaħħaħ jew spumant
- 4 litri ta' nbid normali
- 16-il litru ta' birra

Tabakk

Għall-prodotti tat-tabakk, l-istess bħall-alkoħol, hemm livelli ta' gwida stabbiliti biex jiddistingwu l-użu personali mill-attività ekonomika. Il-livelli minimi huma:

- 800 sigarett
- 400 sigarillo
- 200 sigarru
- 1 kg tabakk

Ukoll bħall-alkoħol, jekk terġa' tidħol fl-UE minn pajjiż li mhuwiex fl-UE, tista' ddaħħal miegħek tabakk mingħajr VAT u dazji tas-sisa għall-użu personali b'limiti stretti. Għal darb'oħra, l-istess jgħodd jekk tkun ġej mill-Gżejjer Kanarji, iċ-Channel Islands, Ġibiltà jew territorji oħrajn fejn ir-regoli tal-UE dwar il-VAT u s-sisa ma jgħoddux. Madankollu, hemm żewġ limiti differenti fis-seħħ u kull pajjiż tal-UE jagħżel jekk japplikax il-limitu massimu jew dak minimu.

Il-pajjiżi li jagħżlu li japplikaw il-limitu minimu jistgħu jagħżlu jekk japplikawhx biss għall-vjaġġaturi tal-art u bil-baħar (il-Bulgarija, il-Greċja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Iżvezja) jew għall-vjaġġaturi kollha (l-Estonja u r-Rumanija). Il-limitu minimu huwa ta' 40 sigarett jew 20 sigarillo jew 10 sigarri jew 50g tabakk.

Il-pajjiżi l-oħra kollha tal-UE japplikaw il-limitu massimu: 200 sigarett jew 100 sigarillo jew 50 sigarru jew 250g tabakk.

Fwejjaħ u prodotti oħra

Jekk tkun qed tivvjaġġa bl-ajru jew bil-baħar tista' ddaħħal oġġetti oħra minbarra l-alkoħol u s-sigaretti b'valur ta' mhux aktar minn EUR 430, jew ta' mhux aktar minn EUR 300 jekk tkun qed tivvjaġġa bil-karozza, bil-ferrovija jew fuq xmara jew lag. Xi pajjiżi tal-UE

japplikaw limitu iktar baxx għall-vjaġġaturi li għandhom inqas minn 15-il sena, u dan il-limitu għandu jkun mill-inqas ta' EUR 150.

Laħam u prodotti tal-ħalib

Meta tirritorna lejn pajjiżek mill-biċċa l-kbira tal-pajjiżi barra l-UE, huwa illegali li ġġib miegħek kwalunkwe prodott tal-laħam jew tal-ħalib, anke fi kwantitajiet żgħar. L-uniċi eċċezzjonijiet huma Andorra, il-Gżejjer Faeroe, il-Groenlandja, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, San Marino u l-Iżvizzera. Dan sabiex il-bhejjem tal-UE jitħarsu mill-mard tal-annimali.

Meta tittrasporta prodotti tal-annimali bejn il-pajjiżi fl-UE, dawn ir-regoli ma japplikawx. Għal aktar tagħrif, ara l-websajt dwar [l-ivvjaġġar fl-Ewropa](#).

Ivvjaġġar bi flus kontanti

Jekk tidħol fl-UE jew toħroġ minnha b'somma ta' EUR 10 000 jew aktar f'kontanti (jew l-istess ammont f'muniti oħrajn) trid tiddikjaraha lill-awtoritajiet tad-dwana. Fl-UE ġeneralment inti liberu li ġġorr flus kontanti kemm trid.

Għal iktar tagħrif

[L-ivvjaġġar fl-UE](#)